# BEJN IL-KLIEM U L-FATTI...



**EDWARD SCICLUNA** / *Ministru għall-Finanzi*




*[Ritratt: GEORGE SCERRI (MGOZ)]*

"Bejn il-kliem u l-fatti, hemm baħar jikkumbatti," hekk jgħid wieħed mill-qwiel Maltin. Kull qawl fih x'tixtarr u hemm tagħlima x'tislet minnu. Fiċ-ċirkostanzi preżenti, ma jistax ikun hawn qawl aktar f'waqqtu biex jissemma. Qed ngħid dan għax fil-qasam politiku, fejn politiċi mill-Oppożizzjoni, li llum iwiegħdu ħafna, imbagħad kif jitilgħu fil-gvern, isibu li dak kollu li jkunu paċpċu u wiegħdu, isibu li ma jkunux jistgħu jwettquh.

Irrid nikkjarifika, li jien m'iniex ngħid li l-Oppożizzjoni m'għandhiex tikkritika lill-Gvern. Xejn minn dan. Iżda l-kelliem għandu joħroġ bi proposti konkreti u fattibbli u mhux jissemmew proposti jew addirittura ma jintqalu l-ebda proposti. Oppożizzjoni kredibbli hija waħda li tkun f'pożizzjoni li tikkritika u tagħti soluzzjonijiet.

Żgur li dan ma rajniehx kif aġixxa l-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Adrian Delia, meta wara li kkritika lill-Gvern u ġie mistoqsi x'inhu jipproponi, ir-risposta kienet li l-proposti jgħidhom biss meta jwarrab il-Partit Laburista mill-Gvern. Żgur li l-elettorat Malti kiber u mmatura u mhux se jafda lil min jimxi b'dan il-mod. Dan il-każ hu mod ċar li bil-kliem wieħed ilablab u jwiegħed ħafna, iżda l-poplu u pajjiż jimxi 'l quddiem bit-twettiq tal-wegħdiet u mhux bid-diskors fieraħ.

Dak li qed nitkellem fuqu, jgħodd kemm għall-kumpaniji privati kif ukoll għall-Gvern. Biex tirnexxi, l-ewwel trid toħroġ bl-idea; tagħmel pjan ta' kif twettaq l-idea u tara li jkollok dik il-fibra li kif jinqala' intopp, issolvih biex tilħaq il-mira li tkun għamilt fil-bidu. Dan hu dak li jiddistingwi bejn kumpanija jew gvern kapaċi u ta' suċċess minn kumpanija jew gvern dgħajjef u tellief.

Hawn irrid nagħti eżempju prattiku ta' dak li għadni kif għidt. Ħa nsemmi miżura li ħarġet mill-Ministeru għall-Finanzi, li jien responsabbli għalih. Fid-diskors tal-baġit għas-sena 2015, kont semmejt li hemm bżonn li tiddaħħal dik li hi mgħarufa bħala it-"Third Pillar Pension," li hija pensjoni privata biex iżżid id-dħul finanzjarju tal-individwu wara li jkun irtira missuq tax-xogħol.

Meta tħares lejn x'qed isir f'pajjiżi oħra, wieħed seta' jasal għal-konklużjoni li tkun ta' ġid għall-pensjonant li waqt li jkun għadu jaħdem, ifaddal u jinvesti għaż-żmien ta' meta jirtira. Ħassejt li biex tħajjar aktar lil dak li jkun biex ifaddal, kien hemm bżonn ta' inċentivi fiskali. Kont fiduċjuż li miżura bħal din hi ta' benefiċċju għal poplu u għalhekk ħabbartha fil-baġit.

Però t-tħabbira ta' din il-miżura fid-diskors tal-baġit, hi l-iktar ħaġa faċli li stajt nagħmel. L-iebes hu li twettaq dak li tkun wegħedt fid-diskors tal-baġit. Dan irnexxieli nwettqu. Bdejt billi sejjaħt numru ta' esperti f'dan il-qasam, esperti li ġew kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat, ħalli bħala grupp, ifasslu pjan ta' kif għandha tittwettaq din il-miżura. Għidtilhom ukoll li il-pjan ried jinkludi l-ammont ta' benefiċċju li għandu jingħata lill-individwu kif ukoll li jkun hemm konsultazzjoni sħiħa mas-settur li ser joffri dan il-prodotti – jiġifieri l-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni.

L-importanza li titkellem ma' min se joffri l-prodott joħroġ mill-fatt li inutli li tagħti inċentiv li jkun attraenti għal min irid jinvesti, imma mbagħad ma jkunx hemm min hu lest li joffri prodott biex individwu jkun jista' jinvesti fih.

Hawnhekk irrid insemmi li dawn l-esperti, kienu jiltaqgħu spiss kull ġimgħa, u bla ħlas, filwaqt li kienu jridu jkomplu bix-xogħol proprju tagħhom. Dan kollu wassal biex tfassal il-qafas regolatorju, biex niżguraw li l-klijent ikun protett, ħriġna b'benefiċċji fiskali attraenti u l-kumpaniji li joffru dawn il-prodotti kienu kuntenti. Irnexxielna nwettqu din l-idea fiż-żmien stipulat.

Fuq l-istess mudell, bħalissa il-Ministeru tiegħi qed jaħdem fuq wegħda oħra li semmejt fid-diskors tiegħi tal-baġit tas-sena l-oħra. Qed nirreferi għall-proposta tal-Equity Release Scheme. It-Task Force li waqqaft biex ifassal it-twettiq ta' din il-miżura, lesta ix-xogħol tiegħu ftit tal-ġimgħat ilu. Issa qed isir ix-xogħol biex tiġi miktuba l-leġislazzjoni neċessarja biex dawn il-prodotti jkunu jistgħu jiġu offruti lill-pubbliku.

Fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni, qegħdin naraw li l-klijent ikun protett. F'kull fażi tat-twettiq tal-pjan, huwa importanti li jkollok il-persuni esperti f'dak il-qasam. Għalhekk, meta ġejna biex niktbu l-leġislazzjoni, wara sejħa, ġiet imqabbda ditta ta' avukati li huma ntiżi fil-kitba ta' leġiżlazzjonijiet f'dan il-qasam. Dawn ikunu qed jaħdmu id f'id mal-avukati tal-Ministeru kif ukoll mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

Kif wieħed ilesti l-abbozz tal-liġi, hemm bżonn li ssir konsultazzjoni mas-setturi li jkunu jmissu u jaħdmu f'dak is-settur. U hawn jibdew l-intoppi. L-intoppi ma jkunux fuq xi kelma li tkun inkitbet fil-liġi, kelma li allura tkun faċli li tinbidel u wieħed jasal għal qbil. Iżda l-intoppi li jinqalgħu waqt il-konsultazzjoni, ħafna drabi, jkunu minħabba li kif se tagħmel xi miżura, se tkun qed toqros forsi xi settur tal-ekonomija jew iżżid il-kompetizzjoni u l-ebda kumpanija jew individwu ma jkun irid li xi ħadd jidħollu fl-għalqa; ikun irid jibqa' jopera waħdu, mingħajr kompetizzjoni jew ftit ta' kompetizzjoni. Ikun hemm drabi li din l-oppożizzjoni tibqa' sejra anki meta l-abbozz ikun qed jiġi diskuss fi stadju ta' kumitat fil-Parlament. Il-proċess biex abbozz ta' liġi jsir "Att" jew biex wieħed jifhem aħjar, issir liġi. Hemm proċess twil Parlamentari. Dan il-proċess huwa neċessarju ħalli jkun hemm dak l-iskrutinju meħtieġ biex il-liġi li tkun għaddiet, tkun liġi li tkun ġiet studjata u mifliha sew biex xi nuqqasijiet li seta' kien hemm waqt it-tfassil tagħha mill-esperti, ikunu indirizzati.

Hemm wegħdiet jew miżuri li ma jkunux biss jinvolvu t-tfassil ta' liġi iżda jkunu jeħtieġu t-twaqqif ta' istituzzjoni regolatorja. Dan kien il-każ ta' meta il-Parlament qasam il-MEPA f'żewġ istituzzjonijiet – dik tal-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità Ambjentali. Dan kien proċess laborjuż għax kien ifisser li wieħed kellu jidħol f'kemm l-awtorità kellu jkolla riżorsi umani; kemm hemm bżonn finanzi biex l-awrorità topera b'mod effiċjenti u li tkun tista' twettaq il-funzjonijiet li għalihom kienet imwaqqfa; xi kwalifiki għandhom ikollhom l-impjegati li jkunu serjiġu ingaġġati mal-awtorità; jekk hawnx individwi ġewwa pajjiżna li għandhom il-kwalifiki neċessarji minħabba n-natura speċjalizzata ta' ċerti entitajiet, u kriterji oħra.

Anki meta tkun qed talloka l-flus neċessarji li entità jkollha bżonn, trid tara li l-flus li tkun allokajt, huma reali li jintefqu. Nagħti eżempju ċkejken. Jekk int talloka ammont ta' flus f'pagi biex timpjega numru ta' esperti, però ssib li trid tittrenja dawn l-individwi għax ma ssibx individwi li huma mħarrġa f'dak il-qasam partikolari. U biex ikollok dawn l-esperti, tkun trid tibgħathom jistudjaw, liema taħriġ jieħu numru ta' snin. Dan iwassal li inutli talloka flus fuq salarji ta' ħlas ta' esperti meta int għad għandek "apprentistati" – is-salarju jkun inqas.

Dan li għadni kif ktibt juri kemm hu importanti li wieħed jippjana sew u dan il-pjan irid ikun sar qabel ma' wieħed iwiegħed u jpaċpaċ. Dak hu li jagħmel partit differenti minn ieħor. Aħna partit li nippjanaw u l-fatti qed juru li dak li nwiegħdu, inwettqu – għax kollox kien ippjanat sal-inqas dettall. Min ma jagħmilx pjan u jwiegħed bl-addoċċ, allura vera jkun il-każ li "bejn il-kliem u l-fatti jkun hemm il-baħar jikkumbatti."